

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Folliard-Monguiral u K. Zajfert, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Formata Bogusław Hoba (Aleksandrów Łódzki)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-4 ta' Novembru 2015 (Każ R 102/2015-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Ilona Biernacka-Hoba u Formata Bogusław Hoba.

### Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), tal-4 ta' Novembru 2015 (Każ R 102/2015-2) hija annullata, sa fejn il-Bord tal-Appell ċaħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità bbażata fuq ir-raġuni relattiva ta' invalidità.*
- 2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *L-EUIPO għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll nofs dawk sostnuti minn Ilona Biernacka-Hoba.*
- 4) *Ilona Biernacka-Hoba għandha tbatl nofs l-ispejjeż tagħha.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 111, 29.3.2016.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Marzu 2017 – Puma vs EUIPO (FOREVER FASTER)

(Kawża T-104/16) <sup>(1)</sup>

*[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea — Trade mark verbali FOREVER FASTER — Trade mark ikkostitwita minn slogans ta' reklamar — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Ugwaljanza fit-trattament — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba”]*

(2017/C 129/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Puma SE (Herzogenaurach, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Schunke, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti H. O'Neill u K. Sidat Humphreys, aġenti)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Jannar 2016 (Kawża R 7702015-1), dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea tat-trade mark verbali FOREVER FASTER.

### Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) Puma SE hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 165, 10.5.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Marzu 2017 – Marsh vs EUIPO (ClaimsExcellence)**

(Kawża T-308/16) <sup>(1)</sup>

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali ClaimsExcellence — Raġuni relattiva għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2017/C 129/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Marsh GmbH (Francfort-sur-le-Main, il-Ġermanja) (rappreżentant: W. Riegger, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Manea u D. Hanf, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-8 ta' April 2016 (Każ R 2358/2015-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali ClaimsExcellence bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Marsh GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 287, 8.8.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Marzu 2017 – Maximum Play vs EUIPO (MAXPLAY)**

(Kawża T-400/16) <sup>(1)</sup>

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali MAXPLAY — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2017/C 129/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Maximum Play, Inc. (San Francisco, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Graf, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: E. Zaera Cuadrado, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Mejju 2016 (Każ R 2273/2015-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali MAXPLAY bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.